



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9336/22

DEVGEN 100
ACP 60
RELEX 676

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Mejju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8938/22	
Suġġett:	Sħubija mġedda tal-UE mal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati - Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Mejju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sħubija mġedda tal-UE mal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, kif approvati mill-Kunsill fit-3870 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Mejju 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar
is-sħubija mġedda tal-UE mal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati**

1. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma determinati li jippromwovu sħubijiet internazzjonali ambizzjużi u huma impenjati li flimkien isibu soluzzjonijiet multilaterali għall-isfidi globali mal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs), f'konformità mal-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp, u fid-dawl tal-isfidi li dawn il-pajjiżi qed jiffaċċjaw f'termini tal-kisba tal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, kif ukoll l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dak ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jeqirdu l-faqar, itemmu l-ġuħ, inaqqsu l-vulnerabbiltajiet u jindirizzaw l-inugwaljanzi biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
2. Fid-dawl tal-intensifikazzjoni tar-rivalitajiet ġeopolitiċi u ż-żieda fil-kompetizzjoni globali, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ il-multilateraliżmu effettiv u li jiġu promossi b'mod kollettiv sħubiji internazzjonali sostenibbli bbażati fuq valuri kondiviżi, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rispett reċiproku. L-LDCs huma sħab ġeopolitiċi apprezzati fl-iżgurar ta' dinja aktar reżiljenti u aktar sikura, kif ukoll irkupru globali sostenibbli u inklużiv fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-LDCs permezz tal-implimentazzjoni effettiva ta' dawn is-sħubijiet biex jappoġġaw l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs.
3. Il-Kunsill ifakkar li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kbir ta' finanzjament għall-ifqar pajjiżi, b'mod partikolari l-LDCs, li ma għandhomx il-kapaċità domestika li jiġbru fondi minn sorsi oħra. L-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala l-akbar fornituri ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom li kollettivament jilħqu l-mira ta' 0.20 % tad-dħul nazzjonali gross għal-LDCs sal-2030, oġettiv ewlieni tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tat-trattament differenzjat eżistenti mogħti lil-LDCs u jilqa' r-reviżjoni tal-kriterji ta' gradwazzjoni tal-LDCs, li tiegħu kont tal-isfidi partikolari tal-LDCs lil hinn mill-introjtu per capita, inkluż l-ass umani u l-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali.

4. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Programm ta' Azzjoni ta' Doha adottat f'Marzu 2022 jintrabat li jieħu passi aktar tanġibbli biex jiġu appoġġati l-LDCs u jenfasizza l-importanza tal-impenji tal-UE, tal-Istati Membri, u tal-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-implimentazzjoni tiegħu. Huwa jistenna b'interess it-tieni parti tal-ħames Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-LDCs skedata għall-2023 u jappella għal riżultat ambizzjuż. Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiġgradwaw mill-kategorija LDC, biex jiġi żgurat proċess ta' tranżizzjoni sostenibbli u mingħajr xkiel.
5. Il-Kunsill ifakkar li l-approċċ tal-UE għal sħubijiet internazzjonali huwa bbażat fuq finanzjament sostenibbli u prevedibbli u l-prinċipji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva, fuq valuri kondiviżi u fuq l-aħjar użu tal-approċċ ta' Tim Ewropa. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jinkludu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-LDCs fl-implimentazzjoni ta' sħubiji u strateġiji reġjonali u globali, abbażi ta' proċessi inklużivi, il-prinċipju ta' sjieda u interessi kondiviżi. F'dan l-ispirtu, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jagħtu segwitu għall-impenji li saru fis-summit UE-UA fi Brussell fis-17 u t-18 ta' Frar 2022, kif ukoll fil-forum ministerjali UE-Indo-Paċifiku f'Pariġi fit-22 ta' Frar 2022, u filwaqt li jibnu fuq l-acquis ta' sħubija bejn l-AKP u l-UE.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati b'mod effettiv il-kawżi fundamentali u l-muturi ewlenin tal-konflitt u l-fraġilità li jaffettwaw ħafna LDCs, inkluż l-inugwaljanzi, in-nuqqas ta' governanza demokratika u tajba u l-istat tad-dritt, it-tibdil fil-klima u l-għlieda għar-riżorsi naturali. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja wkoll il-ħtieġa li jkomplu jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat. Dawn l-isfidi jenfasizzaw ir-rwol ewlieni tal-approċċi integrati u sostenibbli assoċjati mal-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi u l-importanza li jitwettqu analizzijiet konġunti tal-konflitti. Il-Kunsill jinnota li l-faqar u l-inugwaljanzi, b'mod partikolari fl-LDCs, iżidu r-riskju ta' konflitt u fraġilità. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati kriżijiet ġodda u li jkun hemm reazzjoni għalihom, li tinbena r-reżiljenza sabiex jiġu indirizzati l-muturi tal-fraġilità u li jiġi promoss irkupru inklużiv u sostenibbli, f'konformità ma' approċċ ta' "nibnu mill-ġdid aħjar u b'mod aktar ekoloġiku", iggwidat mill-SDGs, li jindirizza t-tipi kollha ta' inugwaljanzi u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

7. Il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir l-impatt negattiv sinifikanti tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna fuq is-sigurtà globali tal-ikel u l-prezzijiet tal-ikel. Dan iżid mas-sitwazzjoni globali diġà allarmanti tas-sigurtà tal-ikel kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, it-tibdil fil-klima u sfidi globali oħra li għandhom impatt b'mod partikolari fuq l-LDCs u dawk il-pajjiżi l-aktar dipendenti fuq provvisti esterni tal-ikel, l-enerġija u l-fertilizzanti, kif enfasizzat mill-Grupp ta' Rispons għall-Kriżijiet tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li hi meħtieġa koordinazzjoni f'waqtha u effettiva ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab u inizjattivi rilevanti oħra, bħall-FAO u aġenziji oħra bbażati Ruma, l-Alleanza Globali għas-Sigurtà tal-Ikel tal-G7 u l-inizjattiva FARM, biex jiżiedu l-isforzi internazzjonali biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar is-sigurtà tal-ikel u nutrizzjonali globali. Il-Kunsill jenfasizza b'mod speċjali l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-ikel sostenibbli tal-LDCs infushom, kif ukoll li jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista tal-ikel tagħhom u li jiġu limitati l-ostakli għall-kummerċ miftuħ fil-komoditajiet tal-ikel. F'konformità mal-Komunikazzjoni ta' Marzu 2022 dwar "Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel", l-UE ser tkompli tappoġġa lill-pajjiżi sħab, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, fit-tranżizzjoni tagħhom lejn sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-vulnerabbiltà għolja ħafna tal-LDCs fir-rigward tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, u r-rwol sinifikanti tagħhom fil-protezzjoni tal-klima u l-konservazzjoni tal-bijodiversità. B'referenza għall-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Klimatiku ta' Glasgow, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-LDCs fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-progress li sar għal-LDCs fil-COP 26 tal-UNFCCC u l-ħidma reċenti mill-IPCC, bħall-kontribut tiegħu dwar "Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà". Huwa jappella għall-adozzjoni ta' qafas globali ġdid ambizzjuż għall-bijodiversità fil-COP 15 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, b'għanijiet ċari u reġim ta' implimentazzjoni b'saħħtu u trasparenti, li ser ikun akkumpanjat ukoll minn riżorsi finanzjarji u mhux finanzjarji adegwati kruċjali għal-LDCs. Bħal f'pajjiżi oħra, il-politiki fl-LDCs dwar l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-preservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità, il-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma u l-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-art, id-deforestazzjoni u d-deżertifikazzjoni, kif ukoll il-miżuri ta' thejġija għad-diżastri, għandhom jiġu implimentati b'mod integrat u koerenti sabiex tiġi promossa r-reżiljenza kontra t-tibdil fil-klima u tiġi ffavorita l-ġestjoni naturali sostenibbli tal-ekosistemi, kif muri pereżempju mill-Aċċelleratur tal-Inizjattiva tal-Ħajt il-Kbir l-Aħdar.

9. Il-Kunsill jinnota bi tħassib li l-kriżi tal-COVID-19 uriet b'mod ċar il-vulnerabbiltà għolja tal-LDCs għal xokkijiet esterni u kkawżat xkiel fil-kisba tal-SDGs fl-LDCs, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp tal-bniedem. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jagħmlu enfasi speċjali fuq l-iżvilupp tal-bniedem fl-LDCs billi jseguw approċċ olistiku fl-oqsma tas-saħħa u d-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, l-edukazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti. F'dak ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' approċċ trasformattiv li jindirizza l-għeruq tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jenfasizza wkoll li l-progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, fit-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa u fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u l-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet multipli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni li huma vulnerabbli jew emarġinati, huma partikolarment kruċjali fl-LDCs u huma prijorità tal-UE fl-oqsma kollha ta' azzjoni. Il-Kunsill ifakkar li l-UE tibqa' impenjata għal aktar sforzi u azzjonijiet biex tiżgura l-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tirriafferma l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
10. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jappoġġaw aktar it-tiżi tal-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa u l-infrastrutturi pubbliċi fl-LDCs sabiex tinkiseb kopertura universali tas-saħħa. Għandha tingħata attenzjoni mill-qrib lill-oqfsa regolatorji u l-kapaċitajiet ta' produzzjoni farmaċewtika, u lit-titjib tal-aċċess għall-WASH u għas-servizzi bażiċi tas-saħħa. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-inizjattivi ta' Tim Ewropa żviluppati fl-Afrika, li jkopru, pereżempju, is-sigurtà tas-saħħa u l-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons għall-pandemija, is-saħħa diġitali, il-produzzjoni ta' vaċċini, mediċini u teknoloġiji relatati mal-prodotti tas-saħħa u l-aċċess għalihom, u appoġġ għall-istituti tas-saħħa pubblika.

11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi appoġġat it-tisħiħ tas-sistemi tal-edukazzjoni fl-LDCs biex ikun possibbli aċċess ekwu u inklużiv għal edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd, b'enfasi speċjali fuq il-bniet u n-nisa żgħażaġh, il-persuni b'diżabbiltà u dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li tingħata attenzjoni speċjali lid-dieti li jeħtieġu t-tfal u l-adoloxxenti sabiex jikbru u jiżviluppaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom, inkluż permezz ta' programmi dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni fl-iskejjel. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza taż-żgħażaġh fit-tiswir tal-futur ta' pajjiżhom kif ukoll il-hteġa li jingħataw prospetti għall-futur ibbażati fuq l-iżvilupp tal-ħiliet u integrazzjoni aħjar f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol lokali. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-bini tal-kapaċità għall-edukazzjoni bażika u sekondarja, l-edukazzjoni u t-taħriġ tekniku u vokazzjonali (TVET), kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tar-riċerka fl-LDCs. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu involuti riċerkaturi mil-LDCs fi proċess ta' riflessjoni mġedded dwar sfidi speċifiċi għall-pajjiżi u r-reġjuni u l-istrumenti adatti biex jiġu indirizzati.
12. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-kapaċitajiet endoġeni tal-ekonomiji tal-LDCs, billi jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ u l-ekonomiji reżiljenti, fost oħrajn permezz ta' riformi strutturali li jiffukaw b'mod partikolari fuq it-tisħiħ tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, il-ġestjoni finanzjarja pubblika, il-governanza tajba u t-titjib tal-kondizzjonijiet għall-iżvilupp tas-settur privat u l-investiment dirett barrani, kif ukoll imġiba responsabbli fin-negozju u standards ta' diliġenza dovuta lokalment. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol tal-appoġġ baġitarju u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż l-Għarfien Espert tas-Settur Pubbliku Ewropew u s-sħubiji bejn il-pari, fil-ħidma għal dawn l-oġettivi, meta l-kondizzjonijiet jippermettu. Il-Kunsill jenfasizza l-vulnerabbiltajiet strutturali tas-suq tax-xogħol fl-LDCs u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-produzzjoni u l-produttività, u jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġati l-impjiegi u x-xogħol deċenti kif ukoll li jissaħħu l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella għall-implimentazzjoni f'waqtha, koordinata u trasparenti tal- "Qafas Komuni għat-Trattament tad-Dejn lil hinn mid-DSSI" u l-inizjattiva relatata mat-twassil volontarju ta' Drittijiet Speċjali ta' Prelevament jew muniti li jistgħu jintużaw liberament mill-Istati Membri u minn pajjiżi oħra b'pożizzjoni esterna b'saħħitha lejn pajjiżi vulnerabbli sabiex jiġi appoġġat l-irkupru tagħhom.

13. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex isegwu l-objettivi tal-Global Gateway biex jiġu ffaċilitati l-investimenti pubbliċi u privati fil-konnettività sostenibbli u l-infrastruttura ta' kwalità, abbażi tal-ħtiġijiet tal-ekonomiji u komunitajiet lokali u reġionali u l-opportunitajiet għalihom, kif identifikati fi djalogi ma' pajjiżi sħab, kif ukoll dwar l-interessi strateġiċi tal-UE. Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mas-SEAE, kif ukoll l-Istati Membri u l-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej:

- tesplora l-ġoti ta' assistenza teknika lil-LDCs, b'mod li jsegwi approċċ ta' Tim Ewropa fejn possibbli, biex tappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti sostenibbli u li jistgħu jiġu ffinanzjati u l-ħolqien ta' ambjent li jwassal għaż-żieda fil-finanzjament u l-investment sostenibbli;
- tesplora modi ta' finanzjament innovattiv u inklużiv biex jiġi mobilizzat il-kapital privat għal-LDCs, b'kont meħud tal-aħjar prattiki eżistenti u inizjattivi internazzjonali relatati, inkluż is-Sħubija għall-Infrastruttura u l-Investment tal-G7.

Il-proġetti ta' konnettività għandhom jiġu ppjanati u implimentati skont l-ogħla standards soċjali, ekonomiċi u ambjentali.

14. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ewlieni li għandhom l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp inklużiv u sostenibbli bħala atturi indipendenti ta' governanza u żvilupp kemm fihom infushom kif ukoll bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar l-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetà ċivili u jenfasizza l-importanza vitali tal-protezzjoni u l-promozzjoni tal-ispazju ċiviku għas-soċjetà ċivili f'ħafna LDCs. Il-kooperazzjoni deċentralizzata u l-Għarfien Espert tas-Settur Pubbliku huma wkoll għodod rilevanti għall-politika ta' kooperazzjoni Ewropea mal-LDCs, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u l-konsolidazzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u l-governanza lokali.

15. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-approċċ ta' Tim Ewropa għal aktar kooperazzjoni mal-LDCs u fl-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, NDICI-Ewropa Globali. Taħt dan l-approċċ olistiku u inklużiv ġdid, l-għodod kollha disponibbli għal-LDCs għandhom jiġu mobilizzati, b'mod partikolari l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa u l-istrumenti tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+), permezz ta' rwol akbar għall-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), u f'kooperazzjoni mal-banek lokali u reġjonali kif ukoll atturi internazzjonali oħra. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-isfidi speċifiċi fl-operazzjonalizzazzjoni tal-modalitajiet u l-istrumenti fl-LDCs, b'mod partikolari s-sitwazzjoni ta' fraġilità, ta' konflitt jew ta' wara konflitt.
16. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiżdiedu l-koerenza u l-viżibbiltà tas-sħubija tal-UE mal-LDCs, b'mod li jsegwi approċċ ta' Tim Ewropa, bl-użu pereżempju tal-istrateġija Global Gateway, u jinnota l-ħtieġa li tiġi segwita strateġija ta' komunikazzjoni kkoordinata biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE, lill-BEI, lill-BERŻ u lill-Istati Membri biex jiżguraw komunikazzjoni effettiva u kuntatt diplomatiku rigward l-isforzi konġunti magħmula mill-UE f'approċċ ta' Tim Ewropa, inkluż permezz ta' koordinazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.
-